REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/240

tal-15 ta' Frar 2018

dwar l-awtorizzazzjoni ta' trimetilammina, idroklorur tat-trimetilammina, 3-metilbutilammina għall-ispeċijiet tal-annimali kollha ħlief it-tiġieġ tal-bajd u 2-metossietil benżen, 1,3-dimetossi-benżen, 1,4-dimetossi-benżen, 1-isopropil-2-metossi-4-metilbenżen bħala additttivi fl-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' 22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-additttivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-additttivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Is-sustanzi trimetilammina, idroklorur tat-trimetilammina, 3-metilbutilammina għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, ħlief it-tiġieġ tal-bajd u 2-metossietil benżen, 1,3-dimetossi-benżen, 1,4-dimetossi-benżen, 1-isopropil-2-metossi-4-metilbenżen għall-ispeċijiet tal-annimali kollha ("is-sustanzi kkonċernati") ġew awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien bid-Direttiva 70/524/KEE bħala additttivi fl-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha. Dawk is-sustanzi sussegwentement iddaħħlu fir-Reġistru tal-additttivi fl-għalf bħala prodotti eżistenti, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid bħala additttivi fl-għalf ta' trimetilammina, idroklorur tat-trimetilammina, 3-metilbutilammina għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, ħlief it-tiġieġ tal-bajd u 2-metossietil benżen, 1,3-dimetossi-benżen, 1,4-dimetossi-benżen, 1-isopropil-2-metossi-4-metilbenżen għall-ispeċijiet tal-annimali kollha. L-applikant talab li dawk l-additttivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-additttivi "additttivi sensorji". Ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Fl-opinjonijiet tagħha tal-25 ta' April 2012 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet proposti għall-użu fl-għalf, is-sustanzi kkonċernati ma għandhomx effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet li peress li s-sustanzi kkonċernati huma effikaċi meta jintużaw fl-ikel bħala aromatizzanti u l-funzjoni tagħhom fl-għalf hija essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, ma kienx hemm bżonn ta' aktar provi dwar l-effikaċja tagħhom. Għalhekk, dik il-konklużjoni tista' tiġi estrapolata għall-għalf. L-applikant irtira l-applikazzjoni għall-ilma għax-xorb, madankollu, għandu jkun possibbli li s-sustanzi kkonċernati jintużaw fl-għalf kompost li sussegwentement jiġi amministrat permezz tal-ilma.

(5) Jenħtieġ li jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet sabiex ikun hemm kontroll aħjar. Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jeħtieġux li jiġi ffissat kontenut massimu, u meta titqies l-evalwazzjoni mill-ġdid imwettqa mill-Awtorità, jenħtieġ li fuq it-tikketta tal-additttiv jiġi indikat il-kontenut rakkomandat. Meta jinqabżu t-tali kontenuti, jenħtieġ li ċerta informazzjoni tiġi indikata fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel u fit-tikkettar tal-għalf kompost u tal-materjali tal-għalf.

(6) L-Awtorità nnutat li t-trimetilammina, l-idroklorur tat-trimetilammina, it-3-metilbutilammina huma rikonoxxuti bħala korrużivi għall-għajnejn, irritanti ħafna jew korrużivi għall-ġilda u irritanti għas-sistema respiratorja. Jistgħu

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda additttivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2012;10(5):2678 u *EFSA Journal* 2012;10(5):2679.

jseħħu sintomi bħal tal-ażma wara l-inalazzjoni. Għat-2-metossietil benżen, il-1,3-dimetossi-benżen, il-1,4-dimetossi-benżen, il-1-isopropil-2-metossi-4-metilbenżen huma rikonoxxuti perikli potenzjali bil-kuntatt mal-ġilda u mal-għajnejn u bl-esponiment respiratorju. Konsegwentement, jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi fl-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(7) Il-valutazzjoni tas-sustanzi konċernati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif jipprevedi l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(8) Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jeħtieġux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jingħata perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jħejju lilhom infushom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorji" u mill-grupp funzjonali "komposti tat-togħma", huma awtorizzati bħala addittivi fl-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom dawk is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel il-15 ta' Settembru 2018 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-15 ta' Marzu 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi speċifikati fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel il-15 ta' Marzu 2019 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-15 ta' Marzu 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk huma maħsuba għal annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi speċifikati fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel il-15 ta' Marzu 2020 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-15 ta' Marzu 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk huma maħsuba għal annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Addittivi sensorji. Grupp funzjonali: Komposti tat-togħma									
2b11009	—	Trimetilammina	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Trimetilammina *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Trimetilammina Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98 % Formula kimika: C_3H_9N Numru CAS: 75-50-3 Nru FLAVIS: 11.009 *Metodu tal-analiżi* [1] Għad-determinazzjoni tat-trimetilammina fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali ħlief it-tiġieġ tal-bajd	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg'. 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: 5 mg/kg.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tannegozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tassikurezza.	
2b11024	—	Idroklorur tat-trimetilammina	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Idroklorur tat-trimetilammina *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Idroklorur tat-trimetilammina Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98,5 % Formula kimika: $C_3H_9N \cdot HCl$ Numru CAS: 593-81-7 Nru FLAVIS: 11.024 *Metodu tal-analiżi* (1) Għad-determinazzjoni tal-idroklorur tat-trimetilammina fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali ħlief it-tiġieġ tal-bajd	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg'.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: 5 mg/kg. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b11001	—	3-Metilbutilammina	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* 3-Metilbutilammina *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 3-Metilbutilammina Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98 % Formula kimika: $C_5H_{13}N$ Numru CAS: 107-85-7 Nru FLAVIS: 11.001	L-ispeċijiet kollha tal-annimali ħlief it-tiġieġ tal-bajd	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								3. 'Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % għandu jkun: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam, ħlief it-tiġieġ tal-bajd; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra.' 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam, ħlief it-tiġieġ tal-bajd; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra'. 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam, ħlief it-tiġieġ tal-bajd; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra.	

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
			Metodu tal-analiżi (1) Għad-determinazzjoni tat-3-metilbutilammina fl-addittiv fl-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.					6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b03006	—	2-Metossietil benżen	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* 2-Metossietil benżen *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 2-Metossietil benżen Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 99 % Formula kimika: $C_9H_{12}O$ Numru CAS: 3558-60-9 Nru FLAVIS: 03.006 *Metodu tal-analiżi* (1) Għad-determinazzjoni tat-2-metossietil benżen fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % għandu jkun: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra'. 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: — 0,3 mg/kg għall-ħnieżer u l-pollam; — 0,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
2b04016	—	1,3-Dimetossi-benżen	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* 1,3-Dimetossi-benżen *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 1,3-Dimetossi-benżen Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98 % Formula kimika: $C_8H_{10}O_2$ Numru CAS: 151-10-0 Nru FLAVIS: 04.016 *Metodu tal-analiżi* [1] Għad-determinazzjoni tal-1,3-dimetossi-benżen fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf. Kromatografija b'faża gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 1 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 1 mg/kg'. 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: 1 mg/kg.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tannegozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tassikurezza.	
2b04034	—	1,4-Dimetossi-benżen	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* 1,4-Dimetossi-benżen *Il-Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 1,4-Dimetossi-benżen Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98 % Formula kimika: $C_8H_{10}O_2$ Numru CAS: 150-78-7 Nru FLAVIS: 04.034 *Metodu tal-analiżi* [1] Għad-determinazzjoni tal-1,4-dimetossi-benżen fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf. Kromatografija b'faża gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat flgħalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 1 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 1 mg/kg'.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: 1 mg/kg. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tannegozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b04043	—	1-Isopropil-2-metossi-4-metilbenżen	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* 1-Isopropil-2-metossi-4-metilbenżen *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 1-Isopropil-2-metossi-4-metilbenżen Prodotta b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 98 %	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet ta' ħażna u ta' stabbiltà. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: 1 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.	15.3.2028

In-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg tas-sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
			Formula kimika: $C_{11}H_{16}O$ Numru CAS: 1076-56-8 Nru FLAVIS: 04.043 *Metodu tal-analiżi* (1) Għad-determinazzjoni tal-1-iso-propil-2-metossi-4-metilbenżen fl-addittiv fl-għalf u f'taħlitiet lesti minn qabel ta' aromatizzanti tal-għalf. Kromatografija b'faża gassuża u spettrometrija ta' massa bl-illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL.					4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: 'Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 1 mg/kg'. 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, u fit-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jaqbeż: 1 mg/kg. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports